MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 10/1944/1

**Concetta mart Salvatore Vella minnu assistita, Giacomo Muscat bhala rapprezentant legittimu ta' wliedu minorenni Salvina, Alfredo u Carmelo ahwa Muscat, u Antonia mart Antonio Grech minnu assistita u b'nota tat-22 ta' Mejju, 1970, Salvina Spiteri mart Carmelo minnu assistita u Carmelo Muscat f'ismu u bhala mandatarju ta' huh Alfredo msiefer assumew l-atti ta' din il-kawza.**

**vs**

**Giuseppe Bugeja, Emmanuele Bugeja, Gorg Bugeja, Karlu Dalli, Emmanuele Dalli, Antonio Dalli, Salvina mart Giuseppe Mugliett minnu assistita, Maria mart Lorenzo Mugliett minnu assistita, Lucrezia mart Francesco Xerri minnu assistita, u Grezzju Dalli bhala rapprezentant legittimu ta' wliedu minorenni Virginia, Concetta u Carmela, ahwa Dalli u b'digriet tal-20 ta' Frar, 1957, Carlo Bugeja u Emanuele Bugeja kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-ereditajiet gjacenti ta' Emanuele Bugeja u Gorg Bugeja, rispettivament, u b'digriet tas-27 ta' Jannar, 1960, l-Avukat Dottor**

**Ricardo Farrugia u l-Prokuratur legali Boris Darmanin kuraturi biex jirraprezentaw lil Virginia mart Henry Cantlin peress li siefret fil-mori tal-kawza u b'digriet tas-17 ta' Frar 1962 l-Avukat Dottor Edgar Grima u l-Prokuratur legali Giuseppe Borg Pantalleresco kuraturi biex jirraprezentaw lill-wirt battal ta' Giuseppe Bugeja, u Joseph Attard kuratur biex jirraprezenta lill-imsiefra Concetta Dalli u b'digriet tal-10 ta' Dicembru, 1965, il-Prokuratur Legali Paul Saliba gie nominat kuratur in sostituzjoni tal-Prokuratur legali Giuseppe Borg Pantalleresco li miet fil-mori tal-kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu, l-atturi wara li ppremettew illi fid-29 ta' Marzu 1921 miet Karlu Bugeja (Dok. A) minghajr testment u li il-wirt tieghu gie devolut skond il-ligi in kwantu ghal sesta parti favur ibnu il-konvenut Giuseppe Bugejja u kwantu ghal sesta parti ohra kull wiehed favur uliedhu l-ohra Emmanuele Bugeja, Gorg Bugeja u Duminka mart Grezzju Dalli, u s-sesta parti l-ohra favur l-ulied ta' ibnu Salvatore Bugeja li kien miet qablu fit-28 ta' Ottubru 1916 (Dok. B) jure representationis, u li kienu l-attric Concetta Vella u ohtha Lorenza mart Giacomo Muscat, u in kwantu ghal sesta parti ohra favur l-attrici Antonia Grech bhala unika bink u werrieta ta' Maria Teresa mrt Giuseppe Vassallo, bint ohra tal-istess Karlu Bugeja li kienet mietet qablu ukoll fis-16 ta' Dicembru 1915 (Dok C) jure representationis.

Illi fis-16 ta' Marzu 1938 mietet Concetta Bugeja (Dok. D) armal ta' Karlu Bugeja b'zewg testmenti fl-atti tan- nutar Giovanni Vella wiehed fl-20 ta' Ottubru 1930 (Dok E) u l-iehor fis-7 ta' Marzu 1935 (Dok. F) u halliet werrieta universali taghha lil konvenuti Giuseppe u Emmanuele Bugeja u lil Duminka Dalli, u lil uliedha kollha hallitilhom biss il-legittima.

Illi fil-21 ta' Novembru 1939 mietet Dunika Dalli (Dok. G) minghajr testment u ghalhekk id-drittijiet li kella fuq il-wirt

tal-genituri taghha waqghu skond il-ligi favur uliedha il-konvenuti Dalli.

Illi fis-7 ta’ Novemebru 1941 mietet Lorenza Muscat (Dok. H), minghajr testment u id-drittijiet li kellha fuq il-wirt tan-nanniet taghha marru favur uliedha, l-atturi rappresentanti minn missierhom Giacomo Muscat.

Dan kollu premess, l-atturi talbu:

1. li jigi likwidat l-assi konjugali ta’ Karlu u Concetta Bugeja u jigi dikjarat konsistenti fil-beni indikati fin-nota Dok. I u dawk l-ohra li jirruzultaw;
2. li dana l-assi konjugali jigi divis f’zewg porzjonijiet ugwali, li jigu assenjati, wahda lill-assi partikolari ta’ Karlu Bugeja u l-ohra lil assi partikolari ta’ Concetta Bugeja;
3. li jigi likwidat l-assi partikolari ta’ Karlu Bugeja u dikjarat jikkonsisti fin-nofs tieghu mill-assi konjugali u fl-affarijiet l-ohra li jirrizultaw;
4. li l-assi partikolari ta’ Karlu Bugeja jigi diviz f’sitt porzjonijiet uguali li jigu assenjati wahda lill-attrici Concetta Vella u lill-attur Giacomo Muscat f’isem u fl-interess ta’ uliedu minorenni, wahda lil attrici Antonia Grech, wahda kull wiehed lit-tlitt konvenuti Giuseppe, Emmanuele u Gorg ahwa Bugeja, wahda lil konvenuti ahwa Dalli;
5. li jigi likwidat l-assi partikolari ta’ Concetta Bugeja;
6. li tigi likwidata l-legittima li tmiss lill-atturi mill-assi partikolari ta’ Concetta Bugeja;
7. li jigu nominati periti biex jaghmlu il-likwidazzjonijiet mitluba u jipproponu pjan ta’ qasma, nutar biex jippubblika l-kuntratt u kuraturi ghal kontumaci.

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-19 ta’ Gunju 1970 [Fol.420 et seq.]

Rat l-Atti kollha tal-kawza

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat

Illi permezz tac-citazzjoni odjerna, l-atturi qed jitolbu:-

li jigi likwidat l-assi konjugali ta' Karlu u Concetta Bugeja, u wara li jinqasam f' zewg porzjonijet ugwali, porzjoni wahda tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Karlu Bugeja u l-ohra tigi assenjata lill-assi partikolari ta' Concetta Bugeja;

li jigi likwidat l-assi partikolari ta' Karlu Bugeja u in segwitu jigi diviz f' sitt porzjonijiet ugwali li jigu divizi f' sitt porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati wahda lill-attrici Concetta Vella u lill-attur Giacomo Muscat f' isem u fl-interess ta' uliedu minorenni, wahda lil attrici Antonia Grech, u wahda lill-kull wiehed lit-tlett konvenuti Giuseppe, Emmanuele u Gorg, ahwa Bugeja u wahda lil konvenuti ahwa Dalli;

li jigi likwidat l-atti partikolari ta' Concetta Bugeja u li tigi likwadata l-legittima li tmiss lill-atturi minn dan l-assi.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghall-arblu geneologiku a fol. 334 tal-process, u li jindika b' mod dettaljat id-dixxendenti tal-konjugi Karlu u Concetta Bugeja u li dwaru ma hemmx kontestazzjoni,u li ghalhekk il-Qorti qed tikkonsidrah bhala korrett.

Illi kif osservat din il-Qorti, diversament presjeduta,fis-sentenza taghha tas-19 ta' Gunju 1970: " Kif sewwa rrileva l-perit legali ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li Karlu Bugeja miet bla testment u li kellu sitt ulied minn martu Concetta, u li d-divizjoni tal-assi ereditarju tieghu ghalhekk trid issir f'sitt prozjoni ugwali li ghandhom jigu assenjati kif mitlub fl-att tac-citazzjoni, kif ma hemm ebda kwistjoni li Concetta Bugeja b'testment tas-7 ta' Marzu 1935 (fol. 11) istitwit bhala eredi universli taghha l-konvenut Giuseppe Bugeja, Emmanuele Bugeja u Duminka mart Grazio Dalli terz kull wiehed, u halliet il-legittima lill-uliedha l-ohrajn cioe' l-atturi u l-konvenut Giorgio Bugeja. Ghal dak li huwa wirt ta' Karlu Bugeja, kif sewwa gie premess fl-att tac-citazzjoni, Salvatore Bugeja wiehed mit-tfal tieghu miet qablu cioe' fit-28 ta' Ottubru, 1916, u ghalhekk jidhlu minfloku jure rapresentationis l-

attrici Concetta Vella u ohtha Lorenza mart Giacomo Muscat, u Maria Teresa mart Giuseppe Vassallo li mietet ukoll qabel Carlo Bugeja cioe' fis-16 ta' Dicembru 1915, u ghalhekk dahlet monflokha jure rapresentationis bintha, l-attrici Antonia Grech. Hekk ukoll fil-21 ta' Novembru 1939 mietet Duminka Dalli wahda mill-eredi ta' Concetta Bugeja u bhala eredi intestati taghha hemm it-tfal taghha l-konvenuti Dalli. Inoltre Lorenza Muscat bint Salvatore Bugeja mietet fis-7 ta' Novembru 1941 minghajr testment u d-drittijiet taghha fuq il-wirtijiet tan-nanniet taghha marru favur uliedha, l-atturi ahwa Muscat, rappresentati minn missierhom".

Illi fl-istess sentenza din il-Qorti ttecidiet hekk: "Illi (1) l-assi socjali konjugali ta' Karlu u Concetta konjugi Bugeja kien jikkonsisti fil-beni fuq imsemmija u kif hemm fil-paragrafu VI tar-rapport; (2) l-assi socjali konjugali fuq imsemmi ghandu jigi diviz kif intqal qabel u kif hemm fil-para. VII tar-rapport; (3) l-assi partikolari ta' Karlu Bugeja huwa likwidat kif intqal qabel u kif hemm fil-para. VIII tar-rapport; (4) l-assi partikolari ta' Karlu Bugeja ghandu jigi diviz kif intqal qabel u kif hemm fil-paragrafu IX tar-rapport; (5) l-assi partikolari ta' Concetta Bugeja huwa likwidat kif intqal qabel u kif hemm fil-paragrafu X tar-rapport; (6) il-legittima hija ukoll likwidata kif intqal qabel a bazi ta' dak li hemm fil-paragrafu XII tar-rapport".

Illi f' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-10 ta' Dicembru 1973 gie osservat in linea ta' principju illi : "Kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni legittima, li hija l-materja involuta f'dan l-appell, il-Qorti tahseb li m'ghandux ikun hekk kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hi r-riunjoni fittizia tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhal terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anke biex talvota tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-

successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni.

Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene resie" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni, cioe' z-zmien l-aktar qrib possibli ghall-pronunzja gudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monitarja"; u specifikatament ghall-kaz odjern osservat: "Dan ghandu wkoll japplika fis-sostanza tieghu 'mutatis mutandis' ghall-ipotesi li tirrikorri fil-kaz prezenti u l-aktar direttament tirrijentra fil-meritu ta' l-prezenti appell,  fejn l-eredi waqt il-mori tal-gudizzju bieghu xi beni ta' l-eredita, li minnhom ukoll, kieku ma kienx ghall dan il-bejgh, il-legittimarji kienu jkunu jistghu issa jissodisfaw ir-ragunijiet taghhom minflok ma jkollhom biss kreditu fi flus, fis-sens li anke f'din l-ipotesi l- "aretimatio rei" ghandha wkoll tkun b'riferiment ghaz-zmien tal-pronunzja gudizzjali".

Illi f' digriet tal-11 ta' Gunju 1991 il-Qorti nnominat lill-Perit AIC David Pace bhala Perit Tekniku biex jistabilixxi l-valutazzjonijiet mehtiega a bazi ta' u in konformita' mal-principju enuncjat fis-sentenza precitata.

Illi jirrizulta li fl-esekuzzjoni tal-inkariku tieghu l-Perit Tekniku sab diffikolta' fl-identifikazzjoni tal-proprjeta' li l-partijiet allegaw li tifforma parti mill-assi ereditarji tal-konjugi Bugeja. Konsegwentement l-istess Perit premezz ta' Nota prezentata fis-6 ta' Lulju 1998 nforma lill-Qorti li *"qieghed jistenna lill-partijiet jassiguraw l-identita' ta' uhud mill-proprjetajiet in divizjoni ……[u dana]…… stante li kien inqala' dubbju dwar fejn kienu xi bicciet tar-raba..”*

Illi fl-udjenza tal-10 ta'  April 2000 din il-Qorti wara li ssolecitat lill-partijiet sabiex jaghtu lill-Perit Tekniku kwalunkwe nformazzjoni li ghad ghandu boznn, ordna lill-

istess Perit, anke fin-nuqqas ta' dan, biex jirrelata fuq il-provi migbura. Konsegwentement il-Perit Tekniku halef ir-rapport tieghu fl-udjenza tal-5 ta' Gunju 2002.

Illi dan ir-rapport ma giex kuntrastat mill-partijiet, u l-Qorti qed taddottah fl-intier tieghu. Minn dan ir-rapport jirrizulta li mill-postijiet imsemmija l-Perit Tekniku, mill-informazzjoni migbura u prezentata lilu mill-partijet, seta jdentifika, jiddeskirivi u jivvaluta s-segwenti proprjeta:
(a) Ir-raba ta' Has Sajd,
(b) Ir-raba Tax Xewk sive Ta' San Anard,
(c ) Ir-raba Ta' Senduqa,
(d) Il-fond numru 102 u 103 [gia' numru 68] Triq San Guzepp Haz Zabbar,
(e) Il-fond numru 104 u 105 [ gia numru 69 u 70] Triq San Guzepp Haz Zabbar,
(f) Il-fond numru 99 Triq Bajada Haz Zabbar,
(g) Il-fondi numru 98 u 97 [gia numru 40] Triq Bajada Haz Zabbar,
(h) Il-fond numru 71 Sqaq Lajri Haz-Zabbar.

Illi fil-pagna 13 tar-relazzjoni tieghu l-Perit Tekniku ghamel is-segwenti osservazzjoni: "Dwar il-proprjetajiet l-ohra illi jinsabu deskritti fid-dokumenti l-ohra esebiti li l-esponent qieghed jimmarkahom bl-ittri DP10 u DP17 l-esponenti ma jaf xejn dwarhom u ghalhekk ma huwiex f' posizzjoni illi jista' jiddeskrivihom u wisq anqas jistmahom"; u fix-xhieda tieghu l-istess Perit Tekniku kkonferma li "kien hemm diversi, l-iktar li kienet raba, bicciet raba. Illi ma stajniex naslu biex nidentifikawha."

Illi b' digriet moghti fid-29 ta' Lulju 2003, din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tar-rapport tekniku, inkarigat lill-istess Perit Tekniku sabiex jipproponi, jekk possibbli, pjan ta' divizjoni fid-dawl tal-kostatazzjonijiet minnu maghmula.

Illi fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2003 il-partijiet tramite id-difensuri taghhom qabblu li, ghalkemm ma kienitx mitluba, ssir ukoll id-divizjoni tal-assi ereditarju ta' Concetta Vella anke bejn l-eredi taghha;

Illi fl-istess udjenza din l-Qorti, wara li semghet id-difensuri tal-partijiet, ordnat li l-istess Perit jirrelata verbalment jekk fic-cirkostanzi kienx possibbli pjan ta' divizjoni fejn il-proprjeta' tinqasam materjalment bejn il-kontendenti kollha, jekk jekk hux il-kaz li ssir licitazzjoni.

Illi fid-deposizzjoni tieghu tas-7 ta' Novembru 2003, il-Perit Tekniku kkonstata verbalment li pjan ta' divizjoni li jinvolvi qsim materjali tal-proprjeta' bir-rispett ta' dritt tal-legittimarji li jiehdu l-legittima in natura, ma kienx possibbli, u ghalhekk f' dan il-kaz id-divizjoni ghandha ssir bil-mezz tal-licitazzjoni.

Illi konsegwentement il-Qorti tosserva li, b' konformita mal-insenjament tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, fuq citata, stante li issa l-legittimarji mhux ser jikkonsegwu l-legittima *in natura* imma fi flus "l-aestimatio rei ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konverzjoni, cioe' iz-zmien l-aktar qarib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali.."; u ghalhekk il-legittimarji ghandhom jippercepixxu sehemhom mill-prezz percepit mill-licitazzjoni minghajr ebda tnaqqis.

Konformament ma' dan l-insenjament, l-prezz pecepit mill-bejgh ghandu jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali, sabiex wahda tigi assenjata lill-eredi ta' <u>Karlu Bugeja</u> u maqsuma f'ugwalment bejniethom f' sitt porzjonijiet;

u l-porzjoni l-ohra tigi assenjata lill-assi ereditarju ta' <u>Concetta Vella</u> u tigi maqsuma zewg porzjonijiet ohra ugwali, li wahda minnhom tigi assenjata lill-eredi taghha u maqsuma wgwalment bejniethom;

u l-porzjoni l-ohra tigi maqsuma fi tlett porzjonijiet ugwali sabiex jigu assenjati lill-atturi legittimarji. .

Decide

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tiddisponi mil-kawza odjerna billi tordna il-bejgh in lictazzjoni tal-fondi fuq indikati u kif deskritti mill-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, u ghall-finijiet ta' l-izbank eventwali tal-prezz rikavat mill-bejgh dan

ghandu jsir skond is-sehem ta’ kull kondividend kif fuq gia spjegat.

Illi l-ispejjez kollha jibqghu a kariku tal-kontendenti kollha skond il-kwoti rispettivi taghhom;  hlief dawk relattivi ghal-hames u ghas-sitt talba mill-liema spejjez ghandhom jigu eskluzi atturi legittimarji.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------